# Flimkien kontra t-tniġġis tal-arja mill-vapuri

## BirdLife Malta tesplora qasam ġdid bis-saħħa ta' proġett li għadu kif ġie mniedi ma' numru ta' eNGOs Mediterranji oħra fosthom l-imsieħba tagħha fil-Ġermanja u l-Greċja

Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, BirdLife Malta se tesplora qasam ġdid bis-saħħa ta' sħubija li bdiet man-NABU (BirdLife Germany) u numru ta' msieħba internazzjonali oħra fuq proġett intitolat "Flimkien kontra t-Tniġġis tal-Arja mill-Vapuri" (Together against Air Pollution from Ships).

Bis-saħħa ta' dan il-proġett li tnieda fl-aħħar jiem b'*workshop* konġunt li sar f'Malta, se nkunu qed immexxu kampanja lokali biex inqajmu kuxjenza dwar it-tniġġis tal-arja minn bastimenti tal-passiġġieri *(cruise ships)* fil-Mediterran bl-iskop aħħari li l-Baħar Mediterran jiġi ddikjarat bħala Sulphur Emission Control Area **(ara d-definizzjoni aktar 'l isfel).**

Minbarra n-Nature and Biodiversity Conservation Union (Naturschutzbund Deutschland, NABU) li hija l-imsieħba tal-BirdLife fil-Ġermanja, dan il-proġett se jkun implimentat flimkien ma' numru ta' NGOs ambjentali oħra fil-Mediterran li jinkludu l-Hellenic Ornithological Society (Ornithologiki) li hija l-imsieħba tal-BirdLife fil-Greċja, Cittadini per l'Aria (Italja), France Nature Environnement (Franza) u Ecologistas en Acción (Spanja).

Id-dettalji ta' dan il-proġett tħabbru llum waqt konferenza tal-aħbarijiet fil-Belt Valletta li kienet indirizzata minn uffiċjali ta' BirdLife Malta u n-NABU kif ukoll mill-espert indipendenti dwar il-kwalità tal-arja Axel Friedrich. Din il-konferenza stampa ssegwi eżerċizzju ta' kejl tat-tniġġis tal-arja li sar ilbieraħ fil-Belt Valletta u fil-Birgu, u li wera konċentrazzjoni għolja ta' frak fin ħafna (*ultrafine particles)* fl-atmosfera fil-ħin meta l-vapuri jkunu qed jimmanuvraw fil-Port il-Kbir. Il-kampjuni li ttieħdu juru li din il-konċentrazzjoni hija 80 darba ogħla mil-livelli ta' arja nadifa li wieħed jistenna f'zoni mhux esposti għal xi tip ta' tniġġis. Hu fatt magħruf li dan it-tip ta' frak hu ta' riskju qawwi għas-saħħa tal-bniedem għax jista' jikkawża mard serju fil-qalb u fil-pulmun. **(ara r-riżultati fid-dokument separat)**

Kemm idum għaddej dan il-proġett, l-NGOs involuti se jaħdmu biex iqajmu kuxjenza f'Malta u fil-Mediterran dwar it-tniġġis tal-arja mill-vapuri tal-passiġġieri, bl-iskop li tkun stabbilita Sulphur Emission Control Area (SECA) fil-Mediterran. Miżura bħal din twassal għal titjib fil-kwalità tal-arja billi kull vapur li jopera fil-Mediterran ikun mitlub juża *fuels* aktar nodfa.

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

Permezz tal-Clean Cruise Ship Action Network - netwerk li se jitwaqqaf bejn il-pajjiżi tal-Mediterran – isir skambju regolari ta' informazzjoni bejn l-imsieħba fil-proġett li jaqsmu wkoll l-esperjenzi ta' bejniethom f'konferenzi li hu ppjanat li jsiru b'mod regolari biex jiddiskutu t-tniġġis tal-arja mill-vapuri.

**L-isfond**

Il-vapuri huma fost l-akbar sors ta' tniġġis tal-arja li jhedded il-klima, l-ambjent u s-saħħa tagħna. Il-magni ta' dawn il-vapuri, li normalment jaħarqu *heavy fuel oil* ta' kwalità baxxa, jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-emissjonijiet lokali u globali, b'mod partikolari emissjonijiet ta' nugrufun li huma ta' dannu għas-saħħa, l-ekosistemi u l-klima.

Fl-2012, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) identifikat li 95% tal-Ewropej li jgħixu f'ambjenti urbani huma esposti għal livelli ta' tniġġis tal-arja li huma meqjusa bħala perikolużi għas-saħħa tal-bniedem, b'madwar 420,000 mewt qabel iż-żmien fl-UE kkaġunati minn kwalità ħażina tal-arja.

Dawn l-emissjonijiet idgħajfu l-funzjonijiet tal-pulmun u jżidu r-riskju ta' mard tal-qalb. Uħud minnhom bħall-karbonju iswed jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima. Konċentrazzjonijiet qawwija ta' *ultrafine particles (UFPs)* fl-ibliet huma responsabbli għal imwiet fost l-anzjani u nies li jbatu minn xi kundizzjoni f'saħħithom.

Uħud minn dawn l-emissjonijiet jagħmlu wkoll ħsara lill-ambjent għax jikkawżaw dik li tissejjaħ *acid rain* li twassal għal tniġġis tal-ħamrija u taz-zoni kostali. Huma wkoll responsabbli għal tnaqqis sinifikanti fil-produttività tal-agrikoltura waqt li jħallu impatt negattiv ukoll fuq il-bijodiversità. Sustanzi oħrajn ukoll jikkontribwixxu għat-tisħin tal-klima.

**Is-sitwazzjoni f'Malta**

Il-movimenti tal-bastimenti tal-passiġġieri f'Malta żdiedu bi kważi 16% fl-aħħar sitt snin b'280 *cruise ship* jiżbarkaw fil-Valletta Cruise Port fl-2010 u 324 fl-2015. Fl-2014 il-passiġġieri tal-*cruise liners* li żaru Malta kienu jammontaw għal 471,554 fuq perjodu ta' sena li jfisser żieda ta' 9.3% meta mqabbel mal-2013. Minħabba d-daqs żgħir ta' Malta wieħed jista' faċilment jassumi li l-parti l-kbira tal-gżira tintlaqat kollha kemm hi mill-impatt tal-emissjonijiet li jissemmew hawn fuq.

Dawn jiżdiedu mat-tniġġis sinifikanti tal-arja f'Malta kkawżat mit-traffiku, il-ġenerazzjoni tal-enerġija u l-industrija li huma identifikati bħala l-akbar theddida għall-ambjent u s-saħħa fil-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Iżvilupp (SPED). L-emissjonijiet mill-gassijiet-serra f'Malta żdiedu b'54% bejn l-1990 u l-2012, bis-settur tat-trasport ikun l-akbar kontributur għal dan b'91.1% fl-2012 (SPED).

**X'inhuma s-Sulphur Emission Control Areas**

Sulphur Emission Control Areas (SECAs) jew Emission Control Areas (ECAs) huma zoni fil-baħar fejn kienu stabbiliti kontrolli aktar stretti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fl-arja mill-vapuri. Dawn daħlu fis-seħħ f'Mejju 2005 u jobbligaw lill-bastimenti biex jaqilbu fuq *fuel* aktar nadif meta jkunu għaddejjin minn dawn il-postijiet. Ir-regolamenti nibtu mill-preokkupazzjoni dwar il-kontribut tal-industrija tat-tbaħħir għat-tniġġis tal-arja

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

fuq livell lokali u globali u għall-problemi ambjentali. F'Lulju 2010 dawn ġew riveduti u bdew jiġu infurzati regolamenti ġodda li jimponu limiti aktar stretti għall-emissjonijiet.

Sal-1 ta' Lulju 2010 dawn kienu jistipulaw li vapuri li jkunu għaddejjin minn dawn iz-zoni riedu jużaw *fuel* b'kontenut ta' kubrit *(sulphur)* ta' mhux aktar minn 1.5%. Dan il-limitu tnaqqas għal 1% għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2010 u l-1 ta' Jannar 2015 u reġa' tniżżel għal 0.1% għal wara l-1 ta' Jannar 2015. **(ara Tabella 1)**

Barra dawn iz-zoni l-limitu tal-kontenut ta' kubrit permess fil-*fuel oil* sal-1 ta' Jannar 2012 kien stabbilit fil-livell ta' 4.5%. Il-limitu bħalissa (2012-2020) hu ta' 3.5%. Inqas minn xahar ilu l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) – li hija l-aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) responsabbli mit-tbaħħir u l-prevenzjoni tat-tniġġis marittimu mill-vapuri – ħabbret li dan il-limitu jrid jinżel għal 0.5% mill-1 ta' Jannar 2020. **(ara Tabella 2)**

Fid-dinja hawn 4 ECAs: il-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, l-ECA tal-Amerika ta' Fuq (li tinkludi ħafna mill-kosta tal-Istati Uniti u l-Kanada) u partijiet miċ-Ċina. L-iskop aħħari tal-proġett "Flimkien kontra t-Tniġġis tal-Arja mill-Vapuri" hu li l-Baħar Mediterran ukoll jiġi kklassifikat bħala waħda minn dawn iz-zoni.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Aktar dwar dan il-proġett ta' BirdLife Malta u n-NABU:
http://birdlifemalta.org/conservation/ongoing-projects/together-air-pollution-ships/
https://en.nabu.de/issues/traffic/index.html

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/clmfNMSepo**

1. It-tniġġis tal-arja mill-vapuri tal-passiġġieri (2 ritratti ta' NABU-Hapke-Prell)
2. Ritratti tal-eżerċizzju tal-kejl tat-tniġġis tal-arja li sar ilbieraħ fil-Belt Valletta u fil-Birgu (4 ritratti ta' BirdLife Malta)
3. Ritratti tal-konferenza tal-aħbarijiet ta' dalgħodu (3 ritratti ta' BirdLife Malta)
    - L-ewwel ritratt juri lil (mix-xellug għal-lemin) Daniel Rieger min-NABU u l-espert tal-kwalità tal-arja Axel Friedrich
    - It-tieni ritratt juri lil (mix-xellug għal-lemin) Daniel Rieger (NABU), Nicholas Barbara (BirdLife Malta Conservation Manager), Mark Sultana (BirdLife Malta CEO), Axel Friedrich (espert tal-kwalità tal-arja), Janina Laurent (BirdLife Malta), Soenke Diesener (NABU)
    - It-tielet ritratt juri lil (mix-xellug għal-lemin) Daniel Rieger, Axel Friedrich, Mark Sultana, Nicholas Barbara, Janina Laurent
4. Fuljett informattiv dwar il-proġett
5. Preżentazzjoni li saret min-NABU waqt il-konferenza tal-aħbarijiet

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/QcOfQ1snac**

1. Filmati miġbudin ilbieraħ waqt l-eżerċizzju tal-kejl tat-tniġġis tal-arja fil-Belt Valletta u fil-Birgu (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Iryna Lukashuk)

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna